KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**
**Tmien LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 47** **Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fil-5:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Maria Pia Bonnici- Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

**ASSENTI**
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Gatt u nfurmat li l-Kunsillier Micallef jinsab l-isptar. Il-membri preżenti unanimament qablu li l-Kunsillier Micallef jiġi skużat, u approvaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Gatt.

**47.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**47.2.1 Kommunikazzjoni – Triq il-Kbira**

Is-Sindku qara l-minuti tal-laqgħa ta' informazzjoni li saret fil-15 ta' Ġunju u anke x'ġara fil-laqgħa li saret ma uffiċjali ta' Infrastructure Malta (IM) illum stess 17 ta' Ġunju ***(Annessi Appendiċi A)***

Is-Sindku spjega li l-għażliet għall-Kunsill huma ċari :

1) Jew nibqgħu sejrin bil-proġett ta' *service culverts* akkost kull spiża għall-Kunsill, kull litigazzjoni legali mingħajr m'hu ser ikollna data ta' tlestija;

2) Jew nimxu mal-parir ta' Infrastructure Malta u ma jkomplux il-proġett ta' *service culverts* iżda nużaw biss dawk li nistgħu nużaw milli sar sa issa u jsiru dawk il-*crossings* kollha neċessarji biex almenu jiġu mneħħija l-*aerial crossings* kollha. F'dan il-każ l-ispiża tas-*service culverts* li sarus sa issa u l-*crossings* li għad iridu jsiru ser iħallsuhom Infrastructure Malta basta l-Kunsill iħallas dak kollu neċessarju mal-entitajiet biex dawk l-*aerial lines* li jistgħu jinżlu fis-*service culverts* li saru jinżlu.

Il-Kunsilliera kollha qablu li nimxu skond l-aħħar punt numru (2), ħlief il-Kunsillier Keith Cassar illi għalkemm ukoll approva, huwa stqarr li għandu riservi tiegħu rigward il-possibbiltà ta' preferenzi bejn resident u ieħor. Is-Sindku spjega li ma jaqbilx mar-riservi tal-Kunsillier Cassar għaliex oriġinarjament il-Kunsill kien ser jagħmel il-proġett intier a spejjez tiegħu u l-fatt li l-Kunsill issa iddeċieda mod ieħor ħabba raġunijiet hawn fuq msemmija mhux fil-kontroll tal-Kunsill u dan ġie deċiż minħabba spejjez eċċessivi għall-Kunsill, qrati, u dewmien esaġerat biex jitlesta l-proġett għad-detriment tar-residenti u n-negozji.

Id-deċiżjonijet ttieħdet li nimxu ma punt numru (2).

**47.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa intemmet fid-5:45 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal 5 ta' Lulju 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 17 ta' Ġunju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Appendiċi A**

**MINUTI**
**Laqgħa ta' Informazzjoni dwar xogħolijiet li qed jsiru fi Triq il-Kbira min Infrastructure Malta**

**l-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022**

**PREŻENTI:**

Christopher Grech - Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
George Borg - Kunsillier
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Grech informa lil membri preżenti li kellu laqgħa llum ma Infrastructure Malta fejn ġie nfurmat b'dawn l-iżviluppi :

L-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali Numru 46, is-Sindku nforma l-Kunsilliera li għalkemm l-infrastruttura tas-*service culverts* talabha u qed jiffinanzja l-Kunsill, biex isir spustjar tas-servizzi EneMalta, GO. Epic u Melita hemm ħlas dovut. Meta bniedem privat ineħħi l-*wires* tad-dar tiegħu jagħmel is-*service culvert* a spejjez tiegħu però s-*shifting* tas-servizzi isir bla ħlas. Fil-każ tagħna, l-fatt li qed nitolbu spustjar tas-servizzi ta' triq sħiħa hemm ħlas dovut u dan il-ħlas globali taf ilaħħaq il €200,000. Il-Kunsill approva nefqa ta' €400,000 bejn kurduna u bankina tal-qawwi u bini ta' *service culverts*. Dan issa jfisser li ser nonfqu mas-€600,000 jekk ser nipproċedu.

L-bini standard ta' *service culvert* kif meħtieġ minn Enemalta huwa dak ta' 80cm x 80cm. Hemm postijiet li minħabba servizzi li hemm fit-triq il-*culvert* ma ġiex wiesgħa 80cm u bl-ebda mod ma jista' jiġi 80cm minħabba servizzi fit-triq eżatt imissu mall-*culvert*, bħal main tal-ilma ta' WSC u GO *copper route*. Biex il-*culvert* jiġi 80cm irid jsir *deviation* ta' dawn is-servizzi (jekk hemm spazji), liema *deviation* trid issir bi ħlas għal-Kunsill Lokali (għax huwa l-Kunsill li talab u qed iħallas il-*culverts*). Dan ikun ifisser aktar spejjez għall-Kunsill u aktar tul ta' żmien u nkonvenjent għar-residenti u għan-negozji.

Fit-13 ta' Ġunju 2022, is-Sindku flimkien mall-Viċi Sindku kellhom laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli u żewġ inġiniera tal-Enemalta. Is-Sindku spjega kif il-bini tal-*culvert* mhux qed ikun possibbli jiġi kullimkien 80cm wisa' minħabba problema ta' servizzi oħra kif diġà spjegat. Enemalta spjegaw li dan il-fatt huwa ta' problema biex tgħaddi l-*cables* ħoxnin il-prinċipali u il-quddiem meta jkun imsaqqaf jekk ikollok ħsara tkun trid tkisser il-bankina. Bla preġudizzju, lanqas li jista' jiġi aċċettat huwa 70cm. Xorta jibqa' l-fatt li hemm postijiet fejn il-*culvert* seta' jiġi biss 45-50cm Dan ikun ifisser li jekk mhux ser tispostja s-servizzi fit-triq, u jitranġa l-*culvert* għal almenu 70cm, ser nispiċċaw b'tant distanza nużaw il-*culvert*, fejn ma nistgħux jibqgħu mall-fċaċet. Jekk ma jkollokx kontinwita' li ma jkollokx jew

tul ta' faċċata kollha fil-*culvert* jew inkella kollha *aerial*, ser ikollna riżultat mhux estetikament aċċettabbli. Is-Sindku talab ukoll jekk jistgħux il-Ministeru ma jżommux flus lill-Kunsill Lokali biex isir lispustjar tas-servizzi minn *aerial* għal ġol-*culvert*. Dan mhux il-każ u l-Kunsill irid iħallas.

Punt ieħor huwa li fit-13 ta' Ġunju 2022, rċevejna madwar 9 oġġezzjonijiet (11 households) mingħand residenti li talbu li nħallu 75cm distanza ta blat mhux skavat meta jiġi biex jitqatta l-blat għas-*service culvert*. Il-Liġi ta' Malta titkellem fuq id-dritt li titħalla distanza ta' 75cm meta tqatta ma appoġġ komuni. Il-Liġi mhux ċara jekk din l-istess distanza trid tinżamm meta jkun qed isir skavar fi triq minn Infrastructure Malta jew minn Kunsilli Lokali jew kuntratturi li qed jagħmlu xogħlijiet ta' servizzi. Għalkemm jista' jkollna raġun u nkunu nistgħu nagħmlu l-*culvert* u ma nħallux distanza ta' 75cm min mall-faċċata tan-nies, xorta jibqa' l-fatt li meta naslu għax-xogħol dawn ir-residenti li oġġezzjonaw jistgħu jagħmlu mandat u jwaqqfu x-xogħlijiet u tkun trid tistenna l-eżitu tad-deċiżjoni tal-qorti biex tkompli. Dan ikun ifisser aktar spejjez għall-Kunsill u aktar tul ta' żmien u nkonvenjent għar-residenti u għan-negozji.

Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija, Infrastructure Malta pproponew lis-Sindku biex jiddiskuti din fil-Kunsill u jiddeċiedu kif ser jitkompla x-xogħol. Il-parir kien :

- Minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija s-*service culvert* għandu jieqaf milli jkompli jiġi skavat u tintuża biss dik il-parti li tlestiet;
- Isiru *crossings* kull fejn hemm *aerial lines* jaqsmu t-triq biex almenu jitneħħew dawn;
- Is-Sindku talab lis CEO ta' Infrastructure Malta biex jekk jiġi deċiż hekk hux possibbli li l-ħlas tas-*service culvert* li sar sa issa jitħallas minn Infrastructure Malta. Dan jammonta għal madwar €70,000. Is-CEO ikkonferma li l-ħlas se jsir minn Infrastructure Malta.

Waqt il-laqgħa l-membri preżenti qablu mal-proposta ta' Infrastructure Malta. Il-Kunsillier Cassar però ir-rimarka li hu jissuġġerixxi li anke fejn sar *service culvert* sa issa ma jintużax ħalli ma niffavorixxux residenti minn oħra. Fil-laqgħa kien hemm qbil. Iżda ġie diskuss ukoll li għalkemm jekk ikun hemm *culvert* lest, dejjem jista' japplika resident biex ineħħi l-*cables* mall-faċċata u dan ikun jista' jsir. Is-Sindku qal li ser ikellem lil Infrastructure Malta fil-*meeting* fuq il post ma Infrastructure Malta u l-entitajiet kollha li ser isir il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju fid-9.30am.

---

**Il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2022**

**PREŻENTI fuq il-post mill-Kunsill :**

Christopher Grech - Sindku
Mario Victor Camilleri - Kunsillier

Sar il-*meeting* illum il-Ġimgħa ma Infrastructure Malta u l-entitajiet kollha fuq il-post. Mill-Kunsill attenda s-Sindku u l-Kunsillier Marvic Camilleri. Flimkien dorna t-triq kollha u Enemalta iddeċidew li huma jistgħu jużaw *service culvert* minn tarf Triq l-Isperanza sa tarf Triq Tabib Chetcuti għax hemm biss huwa tajbin il-qisien. Man-naħa l-oħra, minn tarf Triq San Ġwann 'l-fuq lejn Ta' Qali, Enemalta ma jistgħux jużawh għax mhux mibni bil-qisien kif suppost. Madankollu jista' jintuża' mill-Entitajiet l-oħra li jipprovdu servizz ta' internet.

Is-Sindku semma l-punt li qal il-Kunsillier Cassar fil-laqgħa formali ma Infrastructure Malta u fir-risposta kienet li ma tagħmilx sens li fejn jista' jintuża s-*service culvert* ma jintużax. Infrastructure Malta lesti jħallsu dan ix-xogħol li sar jekk jintuża biss u jiġu spustjati linji kollha minn tarf Triq l-Isperanza sa tarf Triq Tabib Chetcuti, altrimenti jħallas il-Kunsill kif kien se jagħmel oriġinarjament.

Infrastructure Malta ikkonfermaw li minn *City* 'l fuq il-kuntrattur irid ilesti sal-aħħar ta' Lulju. Minn *City* lejn il-pjazza l-bankini ser jitkomplew wara l-festa u din il-parti ta' triq ser tiġi mogħtija kisja tarmak ħalli tkun fi stat tajba għall-festa.